# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 75**

**Nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 75 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:26pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

75.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

75.4 Korrispondenza

75.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

75.6 Rapporti;

75.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

75.9 Mozzjonijiet;

75.10 Attivitajiet tal-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin

75.11 Rendikont ta' xogħlijiet li qed jagħmel il-Kunsill

75.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

TMIEM

**75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

75.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva l-ebda' nota ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

75.1.1.i fil-5:29pm daħal il-Kunsillier Clayton Gauci.

**75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

75.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

75.3.1 Is-Sindku semma' li hemm il-ħsieb li jiġi żvilluppat post ta' maħżen fejn Triq l-Alwiża. Qed nitkellmu mal-perit tal-kunsill biex dan il-proġett isir.

75.3.2 Is-Sindku informa li saru laqgħat mal-Awtoritajiet ikkonċernati fuq is-servizzi tad-dawl u l-ilma fin-nursery tal-football, biex dawn ikollhom arloġġi u servizzi differenti minn dak tal-post li għandu il-Kunsill hemmhekk.

75.3.3 Is-Sindku informa li kien hemm proposta sabiex il-ftuħ uffiċċjali tal-proġett tal-Għasfura isir nhar id-19 ta' Novembru.

75.3.4 Is-sindku ħabbar ukoll li kienet ser issir mawra għal-Mathi, fl-Italja : belt li għandha ġemellaġġ mal-Imġarr. Din ser issir bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru, u hemm numru sabiħ ta' parteċipanti mill-Imġarr li jlaħħaq aktar minn 100 persuna.

75.3.4.i Fis-17:42 daħal il-Kunsillier Mario Sammut.

75.3.5 Is-Sindku semma' li kien ser jressaq proposta sabiex issir ġabra żejda tal-borża is-sewda nhar ta' Tnejn wara diversi rapporti mir-risidenti.

**75.4 Korrispondenza**

75.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

75.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand il-Ministeru tat-Trasport dwar proposta biex Triq Sir Harry Luke issir one-way. Il-Kunsill ser jitlob li ssir laqgħa dwar dan qabel mal-Kunsill jikkommetti ruħi dwar din il-proposta.

75.4.3 Il-Kunsill iddiskuta talba sabiex isiru 'traffic-clamers' fi' Triq il-Banjijiet Rumani, in-naħa t' isfel. Wara li dan ġie diskuss, il-Kunsill qabel li dawn ma jsirux peress li setgħu ikunu aktar ta' periklu għas-sewwieqa milli ta' ġid.

**75.4.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

75.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**75.6 Rapporti**

75.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**76.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

76.7.1 Ma kienx hemm temi oħra diskussi waqt din il-laqgħa.

**75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

75.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 10 li kienet tammonta għall-Ewro 18,558.94.

75.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**75.9 Mozzjonijiet**

75.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**75.10 Attivitajiet tal-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin**

75.10.1 Ġie deċiż li l-ftuħ tal-proġett tal-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew isir nhar il-Hadd 4 ta' Novembru fil-11:00am.

75.10.2 Il-Hadd 30 ta' Settembru ser isir l-International Folk Festival, imtella' mir-Reġjun Tramuntana, fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr.

75.10.3 Il-Laqgħa annwali tal-Kommunita' ser issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018.

**75.11 Rendikont tax-xogħlijiet li qed jagħmel il-Kunsill**

75.11.1 il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogħlijiet tal-miżura 4.3 li qegħdin isiru. F' dan il-proġett, ġie rrappurtat li Trejqet tal-Ballut kienet tlestiet filwaqt li kienet kważi tlestiet ukoll Trejqa ta' Binġemma.

75.11.2 Il-Kunsill approva li issir talba għall-estenżjoni tal-għeluq ta' dan il-proġett għall-31 ta' Ottubru 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv ser idaħħal din it-talba għand l-awtorita' tal-immanniġjar tal-fondi.

75.11.3 Is-Sindku semma' li kien hemm bżonn li jitwaħħlu tabelli ta' STOP fi' Triq Palma in-naħa t' isfel, kif ukoll issir bankina ħdejn Triq il-Fidloqqom.

**75.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

75.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:23pm.

75.12.2 Il-Laqgħa numru 76 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 17 ta' ottubru 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***